# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. VINCENT DEGAETANO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 1**

**Cit. Numru 360/88 MB**

**Amy Scerri u b'digriet ta' l-10 ta' Marzu, 2000, gew nominati l-Avukat Vincent Galea u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi stante l-mewt ta' l-attrici fil-mori ta' l-appell**

**vs**

**Maria Assunta sive May Papadimitrio**

**<u>Ir-rikors promutur</u>**

Din il-Qorti f'din il-kawza trid tikkonsidra dan ir-rikors ta' appell minn digriet tad-9 ta' Awissu, 1989, li bih il-Prim'Awla tal-Qorti Civili nominat Imhallef supplenti biex jisma' x-xhieda ta' l-attrici:-

"Illi permezz ta' citazzjoni prezentata fit-12 ta' April, 1988, l-attrici talbet illi skrittura privata li kienet giet iffirmata bejn il-kontendenti tigi dikjarata nulla u bla ebda effett legali u li, bhala konsegwenza, il-konvenuta tigi kkundannata tirrifondi mobbli, hagar prezzjuz u flejjes li kienet ipprokurat minghand l-attrici bis-sahha ta' l-istess skrittura;

Illi permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet prezentata fid-19 ta' Mejju, 1988, l-esponenti cahdet il-pretensjonijiet ta' l-attrici ghal diversi ragunijiet u ghalhekk talbet illi t-talbiet taghha jigu respinti bl-ispejjez;

Illi fid-19 ta' Mejju, 1988, instemghet ix-xhieda ta' l-attrici fir-residenza taghha mill-Imhallef Supplenti;

Illi, sussegwentement, il-konvenuta talbet l-isfilz ta' din ix-xhieda mill-process, stante illi kienet ittiehdet b'mod irregolari;

Illi, b'digriet tat-13 ta' Gunju, 1988, l-ewwel Onorabbli Qorti cahdet it-talba ghall-isfilz;

Illi, permezz ta' rikors prezentat fil-15 ta' Gunju, 1988, l-esponenti appellat mid-digriet u b'sentenza tal-5 ta' Lulju, 1989, din l-Onorabbli Qorti laqghet l-appell, irrevokat id-digriet appellat u ordnat l-isfilz tax-xhieda in kwistjoni;

Illi b'digriet tad-9 ta' Awissu, 1989, l-ewwel Onorabbli Qorti regghet innominat lill-Imhallef Supplenti sabiex jerga' jisma' x-xhieda ta' l-attrici;

Illi l-esponenti hasset ruhha aggravata b'dan id-digriet u ghalhekk qeghdha tinterponi appell minnu ghal quddiem din l-Onorabbli Qorti;

Illi l-aggravju jikkonsisti filli l-attrici m'hijiex "compos mentis" u ghalhekk m'hijiex fi stat li tiddeponi, u dan gie ikkonstatat mill-istess l-ewwel Qorti kif presjeduta meta, fit-12 ta' Lulju, 1988, il-Qorti ssospendiet "ex ufficio" ix-xhieda ta' l-attrici li kienet qeghda tinghata fir-residenza taghha, u tirrizulta wkoll mill-atti ta' l-inabilitazzjoni ta' l-istess atrici fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili (Deg. Nru. 596/89);

Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li ggib l-infraskritta malliverija sabiex taghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' dan l-appell u taghmel riferenza ghall-provi kollha prodotti u tirriserva li tressaq provi ohra skond il-ligi, umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti

> joghgobha tirrevoka d-digriet tad-9 ta' Awissu, 1989, u tirrimetti il-process ghal quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni, bl-ispejjez kontra l-attrici appellata".

**Verbal**

Wara bosta tentativi tul diversi snin biex jigi stabbilit jekk l-attrici kienet jew le compos mentis, u allura kienetx f'posizzjoni tixhed, il-Qorti giet informata li l-attrici mietet. Fis-seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2000, gie hekk verbalizzat: "Dr. Albert Ganado, ghall-konvenuta appellanti Maria Assunta sive May Papadimitrio, jirrileva li bil-mewt ta' l-attrici, il-mertu ta' l-appell, minn digriet tal-Qorti tal-prim'istanza ghas-smiegh ta' l-attrici bhala xhud, jinsab ezawrit".

Baqa' biss allura l-kwistjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez.

**Konsiderazzjoni ta' din il-Qorti**

Certament il-Qorti mhix f'posizzjoni tasal ghal gudizzju oggettiv dwar jekk it-talba tar-rikorrent kienetx jew le gustifikata, billi tali gudizzju jiddependi proprju mill-kostatazzjoni ta' l-istat mentali ta' l-attrici, llum mejta, hu gust illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mir-rikors billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tieghu u tiddekreta li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri kellhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

L-atti qed jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Dep/Reg

mm